**23 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Francica

*versus*

Anthony Camilleri ne.

**Azzjoni Rivendikatorja — Kontra min għandha tiġi ċstitwita — Kjamata fil-Kawża — Art. 359(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni rivendikatorja hi azzjoni reali, u għandha bħala oġġett tagħha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjetà fil-proponent, u bħala konsegwenza r-restituzzjoni tal-ħaġa reklamata; għalhekk jeħtieġ li tiġi istitwita kontra dak li*

*attwalment ikun jippossjedi l-ħaġa, u kontra tiegħu biss; u ma tistax tiġi promossa kontra min, meta ssir l-kawża, ma jkunx għadu jippossjediha.*

*Bill l-oġġetti ta' kull xorta li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri kriminali għandhom jibqgħu merfugħa f'idejn ir-Reġistratur, jekk jiġi elevat van għax sar użu minnu fit-trasport ta' oġġetti li ma kienux żdoganati, dak il-van ikun taħt il-poter tar-Reġistratur tal-Qrati, u għalhekk sid il-van, li jippretendi lura dak il-van għax hu ma kellux x'jaqsam mal-kommissjoni tar-reat, għandu jistitwixxi l-azzjoni tiegħu kontra r-Reġistratur, u mhux kontra l-Kollettur tad-Dwana, għax dan ma kellux fidejh il-van meta saret il-kawża.*

*U ma jistax dan id-difett jiġi rimedjat bil-kjamata fil-kawża tal-Kollettur tad-Dwana, jekk l-parti l-oħra topponi t-talba għal dan il-provvediment; għax is-sejħa fil-kawża mhix ammissibbli meta l-attur kien jaf, jew imissu kien jaf, li l-persuna li jrid li tiġi msejħa fil-kawża kienet l-unika jew il-prinċipali persuna nteressata.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta fil-proċess "Il-Pulizija vs. Joseph Saliba et.", mogħtija fis-27 ta' Awissu 1958 fost kundanni oħra ġiet ordnata l-konfiska tal-van tal-marka "Commer" b'"registered number 174" (dok. A); u peress li, kif jiġi pruvat tul it-trattazzjoni tal-kawża, dan il-van huwa proprjetà tal-attur, li ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod fir-reati nvoluti fl-istess proċess, tant li meta ġara l-każ l-attur kien imsiefer minn dawn il-Gżejjer; premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, speċjalment dik li l-van in kwistjoni huwa ta' proprjetà tal-attur u li ġie wżat minn terzi persuni għat-trasport ta' effetti mhux żdoganati mingħajr ix-xjenza tiegħu, u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenut nomine jiġi kundannat minn din l-Onorabbli Qorti biex fi żmien qasir u perentorju huwa jirrestitwixxi l-imsemmi van "Commer" No. 174 lill-attur fi stat tajjeb; u in difett il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lill-attur il-valur tal-istess van

l. t'flissa dil-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti eligendi. Bl-interessi legali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attur;

*Omissis:*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi l-attur qiegħed jesperixxi l-azzjoni rivendikatorja, kontemplata fl-art. 359(1) tal-Kodiċi Ċivili. Din hija azzjoni reali, u għandha bħala oġġett tagħha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjetà fil-proponent, u bħala konsegwenza r-restituzzjoni tal-ħaġa reklamata; għalhekk jeħtieġ li din l-azzjoni tiġi eżerċitata kontra dak li attwalment jippossjedi dik il-ħaġa, u kontra tiegħu biss (v. Pacifici Mazzoni. Beni §100; u Digesto Italiano. Rivendicazione (azione di),§40); u konsegwentement ma tistax tkun promossa kontra min, meta ssir il-kawża, ma jkunx għadu jippossjediha (Pacifici Mazzoni, op. ċit., No. 101). Minn hawn jiġi illi l-ġudikant. malli tingħata l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' pussess tal-ħaġa, hu obligat jinvestiha minnufih; għaliex. kif josserva Aristide Granito, "tale eccezione non mira all'integrazione del giudizio, ma attacca il fondamento dell'azione promossa" (Dig. Ital., op. ċit., §35);

Illi mill-atti tal-kawża kriminali fuq riferita jirriżulta li l-van in kwistjoni. wara li ġie elevat ("seizure note 46/1958 fol. 17), ġie mill-Ispettur Paul Grech eżibit quddiem l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati, u din ordnat li għandu jinżamm fid-Depot tal-Pulizija (fol. 14). Irriżulta wkoll mis-sentenza fuq riferita tas-27 ta' Awissu 1957. illi l-Qorti ordnat il-konfiska tal-oġġetti kollha, inkluż il-van in kwistjoni (fol. 22);

Illi skond l-art. 667 tal-Kodiċi Kriminali. "l-oġġetti ta' kull xorta li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri kriminali. għandhom jibqgħu merfugħin taħt idejn ir-Reġistratur, u għandha titniżżel deskrizzjoni tagħhom bir-reqqa f'reġistru li għandu jinżamm għal daqshekk; iżda dawn l-oġġetti jistgħu jinżammu merfugħin għand persuna oħra, meta l-Qorti jidhrilha meħtieġ illi tordna hekk". Issa, minn dak

li fuq intqal jidher illi l-van in kwistjoni ma jinsabx fil-pussess tal-konvenut; u għalhekk l-azzjoni odjerna kontra tiegħu mhix sostenibbli;

Illi, sabiex isewwi dan id-difett, b'rikors tas-6 ta' April 1959 l-attur talab li jiġi msejjaħ fil-kawża r-Reġistratur tal-Qorti, u għal din it-talba oppona ruħu l-konvenut; u bir-raġun, għaliex, skond il-ġurisprudenza tagħna, is-sejħa fil-kawża mhix ammissibbli meta l-attur kien jaf, jew messu kien jaf, mill-ewwel li l-persuna "de qua" hija l-unika jew il-prinċipali nteressata (Kollez. XXIII-I-589; XXX-II-74; XVIII-II-52); u fil-każ tagħna l-attur kien jaf, jew messu kien jaf, minn min huwa miżmum il-van, kif del resto jidher mill-ittra tiegħu lill-konvenut fol. 39; għalhekk it-talba fuq miġjuba ma tistax tiġi milqugħa, u qegħedha tiġi respinta għall-finijiet kollha tal-liġi;

Illi minħabba dak li ntqal ma hemmx aktar bżonn li tiġi eżaminata t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż, barra dawk relattivi għan-nota fol. 30, li saru inutilment, billi d-dokumenti biha prodotti kienu ġew eżibiti qabel b'nota oħra a fol. 26, li jibqgħu għall-konvenut nomine.